

Brussell, 3 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6676/25

AVIATION 26
DELECT 19

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 10 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'28.2.2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Chicago

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 10 final.

Mehmuż: C(2025) 10 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.2.2025
C(2025) 10 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'28.2.2025

**li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-
rigward tar-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Chicago**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Fl-20 ta' Marzu 2023, fil-ħames laqgħa tal-228 Sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-ICAO adotta l-Emendi 14, 11 u 2 għall-Volum I "Storbju tal-Inġenji tal-Ajru", għall-Volum II "Emissjonijiet tal-Magni tal-Inġenji tal-Ajru", u għall-Volum III "Emissjonijiet tas-CO2 tal-Ajruplani" rispettivament tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Dawn l-emendi huma bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet maqbuli fit-12-il laqgħa formali tal-Kumitat tal-ICAO għall-Protezzjoni Ambjentali fl-Avjazzjoni (CAEP/12) u huma l-eżitu tal-ħidma mwettqa matul it-3 snin ta' qabel il-laqgħa f'konformità mal-Programm ta' Ħidma CAEP/12. Dawn l-emendi saru applikabbli fl-1 ta' Jannar 2024.

F'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139¹, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda r-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Chicago msemija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(2) ta' dak ir-Regolament, sabiex taġġornahom fid-dawl ta' emendi sussegwenti għal dawk id-dispożizzjonijiet li jidhru fis-seħħ wara l-4 ta' Lulju 2018 u li jsiru applikabbli fl-Istati Membri kollha, diment li tali adattamenti ma jwessgħux il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

L-objettiv speċifiku ta' din il-proposta huwa li tikkontribwixxi għal livell għoli u uniformi ta' protezzjoni ambjentali billi jirreferi għas-SARPs tal-ICAO li ġew emendati l-aħħar li jinsabu fil-Volumi I, II u III tal-Anness 16 bħala r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Dan l-abbozz ta' att delegat huwa bbażat fuq l-Opinjoni Nru 02/2024 tal-EASA li l-kontenut tagħha kien ġie kkonsultat pubblikament permezz tal-Avviż tal-Emenda Proposta (NPA) 2023-09 "Implimentazzjoni tal-aħħar emendi tas-CAEP għall-Volumi I, II u III tal-Anness 16 tal-ICAO" (RMT.0514) ippubblikat mill-EASA fil-15 ta' Novembru 2023. Waslu 21 kumment mingħand il-partijiet interessati, inklużi mill-industrija u mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali. L-EASA indirizzat u wiegħbet għall-kummenti li rċeviet dwar l-NPA fid-Dokument bil-Kummenti u bit-Tweġibiet (CRD, Comment-Response Document) 2023-09.

F'konformità mal-Artikolu 128(4) tar-Regolament (UE) 2018/1139, qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 128 tar-Regolament (UE) 2018/1139, sabiex temenda r-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Chicago msemija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(2) ta' dak ir-Regolament. Il-bażi legali relatata hija l-Artikolu 19(3) tal-istess Regolament.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91, [ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj](http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'28.2.2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Chicago

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-inġenji tal-ajru, għajr inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord, u l-magni, l-iskrejjen, il-parts u t-tagħmir mhux installat tagħhom jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali. Ir-Regolament (UE) 2018/1139 jipprevedihom billi jirreferi għal dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Konvenzjoni ta' Chicago li fihom dawk ir-rekwiżiti.
- (2) Fl-20 ta' Marzu 2023, fil-ħames laqgħa tal-228 Sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-ICAO adotta l-Emenda 14 għall-Volum I "Storbju tal-Inġenji tal-Ajru" tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, l-Emenda 11 għall-Volum II "Emissjonijiet tal-Magni tal-Inġenji tal-Ajru" tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, u l-Emenda 2 għall-Volum III "Emissjonijiet tas-CO2 tal-Ajruplani" tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Dawn l-emendi saru applikabbli fl-1 ta' Jannar 2024.
- (3) Għaldaqstant, ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Chicago jenħtieġ li jiġu aġġornati u r-Regolament (UE) 2018/1139 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni Nru 02/2024 maħruġa mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA, European Union Aviation Safety Agency) f'konformità mal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fir-rigward tal-istorbju u l-emissjonijiet, dawk l-inġenji tal-ajru u l-magni, l-iskrejjen, il-parts u t-tagħmir mhux installat tagħhom għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali li jinsabu fl-Emenda 14 tal-Volum I, fl-Emenda 11 tal-Volum II, u fl-

² ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj>.

Emenda 2 tal-Volum III, kollha kif applikabbli fl-1 ta' Jannar 2024, tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28.2.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN